Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 285/2015

Il-Pulizja

Spettur Carlos Cordina

Spettur Trevor Micallef

Vs

Elaine Muscat

Illum 25 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Elaine Muscat detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 204981M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer nhar it-13 ta' Mejju, 2013 bejn is-siegha u nofs ta' filghodu u is-saghtejn u nofs ta' filghodu (01:30a.m-02:30a.m) ikkommettiet serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur' li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-'hin' u bil-'persuna' u li sar ghad-detriment ta' Noel (Emanuel) Mifsud u/jew ta' persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

Akkuzata talli laqat ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Akkuzata aktar talli fl-istess gurnata ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (01:30a.m) f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku

tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Akkuzata wkoll talli rrendiet ruhha recediva b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu. Art 49, 50 Kap 9.

Akkuzata aktar talli fl-istess data u hinijiet kisret kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta fuqha mill-Qorti ta' l-Imhallef Dr. David Scicluna LL.D u l-Magistrat Dr. G. Vella LL.D. li inghataw fit-08 ta' April, 2013 u l-14 ta' Marzu, 2012 rispettivament u cioe' dik li kellha tkun rinkazata mit-tmienja ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija Elaine Muscat u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputata kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bhala garanzija personali imposta mill-istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-26 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti **wara li rat l-artikoli tal-Avukat Generali u cioe' l-Artikolu 17, 31, 49, 50, 261 (c) (d) (f), 267, 268, 270, 279 (b), 280, 281, 334, 532A, 533, 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li sabet lill-imputata ELAINE MUSCAT hatja tar-reat ta' prostituzzjoni u talli hija recidiva u tikkundannaha sena (1) prigunerija komplessivament u mhux hatja tar-reati l-ohra u tilliberatha minnhom.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Elaine Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha kull fejn sabitha mhux hatja u tirrevokaha ghall kumplament u fi kwalunkwe kaz tibdilha dwar il-piena billi taghti wahda li taghmel aktar ghal kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Elaine Muscat huma s-segwenti w cioe':-

1. Li mara tiprostitwixxi ruhha mhuwiex fih innifsu reat. Bizzejjed wiehed jara s-sentenza l-Pulizija kontra Barbara Dyer deciza mill-Imhallef J. Flores, Appell Kriminali. Il-Ligi taghna tittutela t-troqoq u l-postijiet pubblici imma wkoll b'mod limitat hafna. Barra li jrid ikun hemm il-post pubbilku l-persuna trid tkun qed taghmel azzjonijiet ta' dak li t-Taljani jsjhu addeskament. Il-gurisprudenza pruvat tiddefinixxi x'hinu dan l-addeskament u kultant waqghet ghal kriterju ta' fejn hu l-post. Jekk tissemma' l-Gzira jew tissemma' l-Marsa meqjusin bhala postijiet tal-prostituzzjoni! Il-Gurisprudenza pruvat ukoll tohloq kriterji ta' libes u movimenti ta' mara (u ragel) illi jkunu qeghdin jitlajjaw ghal skopjiet ta' prostituzzjoni. Dawn il-kriterji huma approssimattivi hafna ghaliex jista' jkun hemm mara li jkollha dublett ikaxkar ma' l-art u xorta wahda tkun qed tipprostitwixxi ruhha u mhux necessarjament jekk tkun liebsa mini skrit ifisser li tkun qed titlajja.
   Imma dawn il-kriterji kollha f'dan il-kaz ma jezistux. Il-Pulizija ma marrux fuq Elaine Muscat u taw deskrizzjoni ta' kif kienet qed iggib ruhha u osservazzjonijiet li jaghmlu fuq il-post. Il-kaz gie quddiem il-Pulizija ghaliex wara illi l-individwu fuq instigazzjoni tieghu Elaine Muscat accettat li tkur mieghu fil-flat taghha filfatt ghamel rapport principalment ghaliex kien allega li kien hemm is-serq ta' flus illi kellu fuqu.
   Illi ghalhekk il-Prosekuzjoni, u l-Qorti, siltu l-argument li hija kienet qeghda titlajja ghal prostituzzjoni ghaliex fil-fatt marret ma' ragel. Is-sess estrakonjugali u illi jsir ghal gharrieda b'laqgha bejn zewg persuni ma jikkostitwix ir-reat taht il-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatt illi Elaine Muscat kienet wieqfa x'imkien ma jfissirx illi huwa jikkostitwixxi r-reat f'din l-okkazjoni li tieghu nstabet hajta. Is-suspett mhux bizzejjed irid ikun hemm il-prova ta' dak li qieghed jigi allegat.

2. Dwar il-piena – L-esponenti tissottometti li l-piena kienet verament eccessiva. Il-piena applikabbli hija minn xejn sa massimu ta' sitt xhur. Ir-recidiva appliakbbli ttella' imma hija fakoltativa.
   Fil-kazijiet ta' prostituzzjoni filfatt il-prostituta hija vittma ta' diversi cirkustanzi. F'dan il-kaz kien hemm tali prova ta' kemm Elaine Muscat sfat vittma ta' diversi cirkostanzi u konsegwentement qed tbati minhabba l-problemi li ghaddiet minnhom f'hajjitha u s ftit zmien ilu kienet ghaddejja minnhom.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm l-appellanti kienet qed tifaccja diversi akkuzi dwar serq u ricettazzjoni kif ukoll dwar ir-reat tal-prostituzzjoni, hija mandankollu giet misjuba hatja biss ta'l-imputazzjoni dwar il-prostituzzjoni. Madanakollu aggravata bid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li wasslet sabiex ikundannata piena ta' sena prigunerija, tenut kont tal-fatt illi hija kienet ukoll recidiva, l-appellanti interponiet dan l-appell limitatament gahr-rigward tal-kundanna surriferita. Il-lanjanza ewlenija imressqa il quddiem mill-appellanti hija dwar l-interpretazzjoni skorretta maghmula mill-Ewwel Qorti tar-reat tal-prostituzzjoni kif imfassal fl-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tajjeb lli jigi senjalat illi dina id-disposizzjoni tal-ligi taghna ittiehdet mill-iStreet Offences Act 1959 ta'l-Ingilterra li tghid illi:

**(1) It shall be an offence for a common prostitute to loiter or solicit in a street or public place for the purpose of prostitution.**

Is-sub-inciz 4 imbaghad ikompli jiddisponi illi:

**"(4)For the purposes of this section "street" includes any bridge, road, lane, footway, subway, square, court, alley or passage, whether a thoroughfare or not, which is for the time being open to the public; and the doorways and entrances of premises abutting on a street (as hereinbefore defined), and any ground adjoining and open to a street, shall be treated as forming part of the street."**

L-iskop tal-ligi kienet illi titnehha mit-toroq il-prostituzzjoni bil-holqien tal-figura tal-"common prostitute", li mhijiex prezenti fil-ligi taghna, meta inholqot il-presunzjoni ta' htija f'mara li tkun giet imwissija ghal darbtejn meta titressaq il-Qorti akkuzata bir-reat tal-prostituzzjoni. Id-dritt penali taghna ma jaghmel l-ebda distinzjoni u jinvoka ir-reita kull meta persuna, tinsab titlajja f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku jew inkella thajjar lil terzi u dan ghal skopijiet ta' prostituzzjoni.

Illi gie deciz:

**"Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-art.7(2) tal-Kap.63 irid jigi ippruvat, fil-grad rikjest mill-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata, tkun fit-triq jew f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku, tlajjat (loitered) jew ghamlet biex thajjar (solicited) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' issir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna iddum f'post partikolari u lil min tavvicina u hafna cirkustanzi ohra. Fil-kaz Behrendt vs Burridge(1977)1 W.L.R 29, prostituta giet ritenuta li kienet qed taghmel biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni billi semplicement qaghdet liebsa skullata fuq banketta gholja wara l-hgiega ta' tieqa li kienet taghti ghat-triq illuminata b'dawl ahmar. Dan il-kaz qed jigi iccitat proprju ghax kien jikkoncerna d-disposizzjoni ta'l-Street Offences Act 1959 li fuqha gie immodellat is-subartikolu (2) ta'l-artikolu 7 tal-Kap.63.**[1]"

Issa l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-akkuza dwar il-protituzzjoni billi *ex admissis* l-appellanti stqarret illi hija kienet tat favuri sesswali lil certu Noel Mifsud gewwa appartament f'San Giljan u dan wara li kienet iltaqghet mieghu gewwa il-Gzira. Tghid hekk l-appellanti fix-xhieda taghha:

**"Jiena verament kont il-Gzira ghal skop ta' prostituzzjoni u fil-fatt kien gie hemmhekk u gie javvicinani biex ikolli x'naqsam mieghu.**[2]"

---

[1] Il-Pulizija vs Joseph Vella App. Inf. 30/05/1994

[2] Ara xhieda ta'l-appellanti a fol.199

Jikkorrobora din ix-xhieda l-istess Mifsud li jiddeskrivi kif iltaqa' ma' Muscat ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu meta ighid illi lemahha il-Gzira f'post maghruf ghal prostituzzjoni filwaqt li kien ghaddej bil-vann tieghu u din ghamiltlu sinjal biex jieqaf fejn infurmatu illi hija kienet qieghda "ghax-xoghol" fejn fthiemu dak il-hin dwar is-servizzi li kellhom jigu rezi u l-prezz ghall-istess. Bl-accettazzjoni ta' Mifsud ghal din il-proposta hija indikatlu appartament fejn kellu jigi rez is-servizz, L-appellanti rikkbet fil-vann ma' Mifsud u telqu minn fuq il-post. Dan is-servizz gie rez u l-appellanti thallset kif miftiehem.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni dettaljata ta' dritt dwar ir-reat tal-prostituzzjoni li din il-Qorti tistqarr illi qajla ghandha xi izzid maghha, tant illi fid-dawl ta' din il-gurisprusdenza u il-fatti li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti ma setghatx tasal ghal konkluzjoni xort'ohra. L-intenzjoni kriminuza tirrizulta mhux biss minn dak li jallega Mifsud fix-xhieda tieghu izda fuq kollox mill-ammissjoni kategorika maghmula mill-appellanti illi hija kienet tinsab il-Gzita f'dik il-lejla bl-iskop li taghti servizzi ta' prostituzzjoni u ghalhekk l-azzjoni ta'l-addeskament sehhet meta hija sejhet lil Mifsud u offrietlu s-servizzi taghha, tant illi dan is-servizz gie rez u hija thallset tieghu kif miftiehem. Ghaldaqstant l-ewwel aggravvju ta'l-appellanti qed jigi respint.

Premess dan allura jifdal biex jigi trattat it-tieni aggravvju imressaq mill-appellanti dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma taghha kienet eccessiva u harxa iz-zejjed. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"…As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court**

**sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[3]"**

Issa minn qari tas-sentenza impunjata jirrizulta illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatturi kollha relevanti ghal kaz inkluz ic-cirkostanzi personali fil-hajja ta'l-appellanti fosthom ix-xhieda ta'l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri li jixhed dwar il-problemi socjali u fizici li ghandha l-appellanti tant illi hija spiccat tabbuza mid-droga. Dan wassal sabiex hija ukoll tbati mid-depressjoni ghalkemm ghada zghira fl-eta'. Abbinat ma' dawn il-fatturi l-Ewwel Qorti ma setatx tinjora il-fedina penali ta'l-appellanti li hija wahda piuttost voluminuza u minn fejn irrizultalha li ghalkemm il-

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

qrati taghna ippruvaw jaghtu kundanni alternattivi ghal dik tal-prigunerija bit-tama illi l-appellanti tirriforma hajjitha din bagqhet ma tghallmitx mill-izbalji taghha u ghalhekk kienet tal-fehma illi piena karcerarja kienet wahda idonja fic-cirkostanzi.

Issa r-reat ikkontemplat fl-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta igorr il-piena massima ta' sitt xhur prigunerija. Billi l-appellanti kienet qed tigi misjuba hatja li kienet recidiva allura dik il-piena kellha tizdied bi grad wiehed. Kwindi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet fl-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha tiddisturbaha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur